# QORTI ĊIVILI PRIM’AWLA

## ONOR. IMĦALLEF TONI ABELA LL.D.

**Seduta ta’ nhar it-Tlieta, 14 ta’ Marzu, 2023**

**Numru**

**Rikors Numru 796/2022 TA**

**Bank of Valletta plc (C 2833)**

**Vs**

**Stephen u Maria Lourdes mizzewgin Azzopardi (K.I. numri 314613 (L) u 48283 (A))**

**<u>Il-Qorti:</u>**

Rat ir-rikors tal-Bank Of Valletta p.l.c (is-Soċjeta’ Attriċi) tal-31 ta’ Awwissu 2022

li permezz tiegħu premetta u talab is-segwenti:

1. “Illi bit-termini u kundizzjonijiet imsemmija f'kuntratt magħmul fl-atti tan-Nutar Dottor Amanda Grech datat 6 ta' Awwissu 2015 (Dok. "A"), is-soċjetà attriċi ikkonċediet faċilita' bankarja lill-konvenuti Stephen u Maria Lourdes miżżewġin Azzopardi.

2. Illi s-soċjetà attriċi tinsab kreditriċi tal-konvenuti Stephen u Maria Lourdes miżżewġin Azzopardi fis-somma ta' erbgħa u ħamsin elf, mitejn u tnejn u tletin Ewro u erbgħa u sebgħin ċenteżmu (€54,232.74) bilanċ għad-debitu fil-"*Home Loan Account*" ta' Stephen u Maria Lourdes miżżewġin Azzopardi (Dok. "B1 sa

B6"), flimkien mal-imgħaxijiet ulterjuri mid-29 ta' Lulju 2022 sal-jum tal-pagament effettiv;

3. Illi seħħew waħda jew aktar mill-ġrajjiet imsemmija fil-kuntratt fuq imsemmi (u hawn eżibit bħala Dokument "A"), partikolarment imma mhux esklussivament, billi Stephen u Maria Lourdes miżżewġin Azzopardi:

   (a) naqsu milli jħallsu l-pagamenti dovuti lis-soċjetà mittenti kif stipulat fl-imsemmija kuntratt (b) kienu inadempjenti f'obbligi oħra minnhom assunti fl-istess kuntratt sopra indikat, u/jew, (c) hemm bidliet materjali fiċ-ċirkostanzi tal-istess Stephen u Maria Lourdes miżżewġin Azzopardi li jipperikolaw jew jaffettwaw ħażin il-possibilità tal-ħlas lura tal-imsemmi debitu dovut lis-soċjetà attrici.

4. Illi l-attriċi nomine taf bil-fatti fuq imsemmija personalment.

5. Illi l-konvenuti Stephen u Maria Lourdes miżżewġin Azzopardi ġew interpellati permezz ta' ittra uffiċjali datata 27 ta' Lulju 2021, li kopja tagħha qed tiġi hawn eżibita u mmarkata Dok 'C' sabiex jitħallas id-dejn fuq imsemmi, iżda huma baqgħu inadampjenti u għal din ir-raġuni kellha ssir din il-kawża.

Għaldaqstant, wara li jsiru d-dikjarazzjonijiet neċessarji u li jingħataw il-provvedimenti opportuni, jgħid il-konvenut għaliex m'Għandhiex Din il-Qorti Tilqa' t-talbiet tas-soċjetà attriċi li qegħda hawn titlob li Din il-Qorti Jogħġobha:

1. Tiddikjara u Tiddeċiedi illi seħħew waħda jew aktar mill-ġrajjiet imsemmija fil-kuntatt fuq imsemmi (u hawn eżibit bħala Dokument" A"). partikolarment imma mhux esklussivament, billi Stephen u Maria Lourdes miżżewġin Azzopardi (a) naqsu milli jħallsu il-pagamenti dovuti lis-soċjetà mittenti kif stipulat fl-imsemmija kuntratt, (b) kienu inadempjenti f'obbligi oħra minnhom assunti fl-istess kuntratt sopraindikati, u/jew, (c) hemm bidliet materjali fiċ-ċirkostanzi tal-istess Stephen u Maria Lourdes miżżewġin Azzopardi li jipperikolaw jew jaffettwaw ħażin il-possibilità tal- ħlas lura tal-imsemmi debitu dovut lis-soċjetà attriċi, u

2. Tikkundanna lil Stephen u Maria Lourdes miżżewġin Azzopardi iħallsu flimkien u in solidum bejniethom lis-soċjetà attriċi s-somma ta' erbgħa u ħamsin elf, mitejn u tnejn u tletin Ewro u erbgħa u sebgħin ċenteżmu (€54,232.74) bilanċ għad-debitu fil-"*Home Loan Account*" ta' Stephen u Maria Lourdes miżżewġin Azzopardi (Dok. "B1 sa B6"), flimkien mal- imgħaxijiet ulterjuri mid-29 ta' Lulju 2022 sal-jum tal-pagament effettiv.

Bl-ispejjeż kompriżi dawk tal-ittra uffiċjali datata 27 ta' Lulju 2021 u tal- Mandat ta' Sekwestru li qed jiġi ppreżentat kontestwalment kontra l-konvenuti li huma nġunti minn issa sabiex jidhru għas-subizzjoni''.

Rat li l-konvenuti debitament notifikati baqgħu ma għamlux risposta kif trid il-liġi biex għalhekk waqgħu fi stat ta' kontumaċja.

Rat l-atti u dokumenti kollha esebiti.

Semgħet ix-xhieda mressqa mis-Soċjeta' Attriċi.

Rat li l-konvenuti baqgħu ma għamlu ebda sottomissjonijiet minkejja li ngħataw din il-fakolta kif irid l-artikolu 158(10) tal-Kap 12 tal-liġijiet ta' Malta.

Rat li l-Kawża tħalliet għal-lum għas-Sentenza.

**Konsiderazzjonijiet**

Il-Qorti eżaminat il-provi mressqa mis-Soċjeta' Attriċi. Rat ukoll il-mod kif il-konvenuti ma wrew l-anqas l-iċken interess f'din il-kawża. Mix-xhieda ta' Jason Zerafa, rappresentant tas-Soċjeta' Attriċi jirrisulta li f'laqgħa li kellhom ma' uffiċjali tal-Bank, ammettew id-dejn mertu ta' din il-Kawża. Huma qalu li ser iqgħedu l-propjeta' tagħhom għall-bejgħ fis-suq biex ikunu jistgħu jħallsu lis-Soċjeta' Attriċi (a' fol 25 tergo). Dan ix-xhud jgħid li saħansitra kellhom jidhru fil-kawża biex jammettu d-dejn. L-anqas ma jirrisulta li l-konvenuti għamlu xi pagament fil-mori ta' din il-Kawża għalhekk l-ammont għadu l-istess bħal dak li qiegħed ikun mitlub.

Fid-dawl ta' dan kollu huwa manifestament ċar li l-ammont li qed ikun mitlub huwa dovut.

**Decide**

Għaldaqstant din il-Qorti għar-raġunijiet fuq imsemmija qiegħda taqta' u tiddeċiedi din il-Kawża bil-mod Segwenti:

**Tilqa' l-ewwel talba** Attriċi u tiddikjara u tiddeċiedi illi seħħew waħda jew aktar mill-ġrajjiet imsemmija fil-kuntratt fuq imsemmi (u hawn eżibit bħala Dokument "A"). Partikolarment imma mhux esklussivament, billi Stephen u Maria Lourdes miżżewġin Azzopardi (a) naqsu milli jħallsu l-pagamenti dovuti lis-soċjetà mittenti kif stipulat fl-imsemmija kuntratt, (b) kienu inadempjenti f'obbligi oħra minnhom assunti fl-istess kuntratt sopraindikati, u/jew, (c) hemm bidliet materjali fiċ-ċirkostanzi tal-istess Stephen u Maria Lourdes miżżewġin Azzopardi li jipperikolaw jew jaffettwaw ħażin il-possibilità tal-ħlas lura tal-imsemmi debitu dovut lis-soċjetà attriċi.

**Tiqa' it-tieni talba** Attriċi u tikkundanna lill-konvenuti jħallsu flimkien u in solidum bejniethom lis-soċjetà attriċi s-somma ta' erbgħa u ħamsin elf, mitejn u tnejn u tletin Ewro u erbgħa u sebgħin ċenteżmu (€54,232.74) bilanċ għad-debitu fil-"*Home Loan Account*" ta' Stephen u Maria Lourdes miżżewġin Azzopardi (Dok. "B1 sa B6"), flimkien mal- imgħaxijiet ulterjuri mid-29 ta' Lulju 2022 sal-jum tal-pagament effettiv.

Bl-ispejjeż kif mitluba għall-konvenuti.

**Imħallef Toni Abela**

**Deputat Reġistratur**